10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 31**

**29 ta' Novembru 2025**

Il-laqgħa numru 31 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar il-29 ta' Novembru fil-10.00 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Karl Carabott (online)

Is-Sur Darren Grech

Is-Sur Steven Sultana

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3**):

Is-Sa Roberta Sultana

Is-Sur Joe Vella

**ASSENTI:**

**Ħadd**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela — Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

## 1 Qari tal-ittri t'apoloġija

F'din il-laqgħa kien hemm żewġ ittri ta' apoloġija, waħda tas-Sa Roberta Sultana u oħra tas-Sur Joe Vella.

## 2. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

**Korrezzjonijiet laqgħa 30**

Fl-ewwel paġna kien hemm l-isem tal-viċi Sindku miktub bħala Steven minflok Stephen. Kien hemm ukoll żball f'isem ta Romeo Romano li ried jiġi Raymond Romano u f'isem Joe Carabott li kellu jiġi Joe Carbonaro.

Dawn ġew ikkorreġuti waqt il-laqgħa.

**Kunsiderazzjoni tal-Minuti**

**Ibins** – Is-Sindku informa li hu u segretarja kellhom laqgħa ma' tal-Mużew fuq l-Ibins u ser ikunu qed nieħdu parir tal-avukat.

**Toroq -** Is-Sindku informa li s-segretarja kellha laqgħa ma' Infrastructure Malta fejn daru Triq il-Kbira San Guzepp u iddiskutew il-problemi li fadal wara l-proġett.

**Communal Disable Parking –** Dawn saru

**Skola –** Is-Sindku informa li l-kunsill ħareġ stqarrija fuq dak li qed jiġri waqt l-iskola. Hu informa ukoll li kien hemm laqgħa bejn l-iskola u TM u , avolja kien hemm direzzjoni mill-ministeru sabiex il-kunsill jipparteċipa, din id-direzzjoni ġiet injorata.

**Triq Karmelitani** – Ser tintbagħat ittra għal deċiżjoni

**Ġimgħa Santa Venera** – Karl saqsa hekk hux ser ikun hemm post mortem fuq Ġimgħa Santa Venera. Is-Sindku qal li hekk kien hemm xi kummenti kienu jistgħu jiddiskutuhom waqt il-komunikazzjoni tas-sindku.

**Enemalta** – Is-Sindku informa li kien ser issir laqgħa sabiex jiġi diskuss id-dawl.

**Arbli** – Il-Kunsill qabel li l-Banda kellha tieħu ħsieb li iġġib il-quotes mingħand il-kuntrattur u l-kunsill kien ser iħallas għal dawn it-toqob.

**Debit Card Deposits only** – L-ES infurmat li l-BOV kien waqqaf il-proċedura tal-envelopes sabiex jiġu depożitati iċ-ċekkijiet. Allura bħalissa l-kunsill ma kienx f'pożizzjoni li jaċċetta ċekkijiet. Għalhekk l-ES kienet qed titlob l-approvazzjoni tal-kunsill sabiex il-kunsill japplika għal debit card deposits only. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

Silvio Vella ikkummenta li għandu jkun hemm ukoll servizz ta' courier li jiġbor il-flus. Fuq dan kien hemm qbil unanimu. Is-Sindku semma ukoll li l-kunsill għandu jesplora ukoll is-servizz ta' online Payments. Fuq dan l-ES qalet li kellha tiċċekkja mad-DLG.

### 3. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti 440 u petty cash

Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq dawn l-iskedi u l-anqas fuq il-petty cash. Dawn ġew iffirmati minn Silvio Vella u Darren Grech, kif ukoll mis-sindku u segretarju eżekuttiv.

### 4. Kommunikazzjoni mis-sindku

**Embassy of Republic of Poland – parking locks -** Is-Sindku informa li l-kunsill irċieva talba minn konslu ta' Poland sabiex iż-żewġ parkeġġi f'Phoenix Business Centre Old Railway Track Santa Venera isirilhom lock sabiex ma jkunux jistgħu jipparkjaw nies oħra fihom.  Il-kunsill qabel li din l-email għanda tiġi mgħoddija lil Transport Malta.

**Kaxxa għal użu ta' stalls użati** – is-sindku informa li l-kunsill kien irċieva ittra sabiex jintroduċi kaxxi blu sabiex jintefgħu l-ħwejjeġ użati.  Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta.

**Kumitat tal-finanzi** – Is-Sindku spjega kif fl-aħħar laqgħa l-kunsill kien iddeċieda li bħala membru fuq il-bord tal-finanzi kien ser ikun hemm Stephen Sultana, imma wara konsultazzjoni ma Stephen Sultana, dan ħass li minħabba kwistjonijiet personali, ma setgħax jonora din il-pożizzjoni.  Għalhekk is-sindku kien qed jissuġġerixxi lil Karl Carabott.  Karl qal li bħalissa ma jistax jieħu dan l-inkarigu.  Is-SE spjegat li għalissa ma kienx hemm bżonn dan il-kumitat imma kienet qed taħseb għal quddiem hekk is-sena 2025 tagħlaq b'FSI taħt l-10%.  Għalhekk ġie deċiż li għalissa dan l-item jiġġedded għas-sena d-dieħla.

**Debit Card Deposits Only** – Is-Sindku talab is-SE tispjega.  Is-SE qalet li peress li l-Bank of Valletta ma kienx qed joħroġ aktar *deposit envelopes,* il-kunsill ma setgħax jiddepożita l-bank cheques u għalhekk dawn twaqqfu milli jiġu aċċettati.  Sabiex il-kunsill ikun jista' jagħmel dan kien hemm bżonn li ssir applikazzjoni għal *debit card deposits only* li tkun fuq isem is-SE.  Il-kunsill qabel ma dan.

**Risposta mingħand Street Naming Committee – Triq Braille** - Is-sindku informa li l-kunsill kien irċieva risposta mingħand l-*Street Naming Committee* fuq Triq Braille.  Huma qalu li l-isem tat-triq ma jistax jinbidel peress li kien hemm relazzjoni bejn l-isem u bini tas-sede.  Is-Sindku qal li l-nini minn fejn kien jopera l-Braille ilu li mhux jintuża u għalhekk il-kunsill xtaq li it-Triq tiġi msemmija għal patruna, ġaladarba anke fir-raħal ma kienx hemm triq imsemmija għal patruna tar-raħal.

**Rock Legens under the aqueduct –** Is-sindku informa lil kunsilliera li il-kunsill kien irċieva talba mingħand kumpanija privata li xtaqet tapplika għal fondi sabiex torganizza kunċert tar-rock sabiex dan il-kunċert hekk ikun approvat, isir fi Triq il-Kbira SanĠużepp bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Fuq dan kien hemm qbil.

**Is-Salib fi Triq Braille –** Is-sindku informa l-kunsilliera li l-public works kienu ser jagħmlu xogħolijiet ta' restawr fuq is-salib u anke jagħmlu xi dwal fuqu ukoll. Hu qal li l-public works kienu se jagħmlu l-xogħolijiet b'xejn però l-kunsill ried iħallas tal-materjal li kien jammonta għal Euro 1663.80 inkluż il-VAT. Fuq dan kien hemm qbil.

**DIER –** Is-Sindku qal li SE kellha diversi telefonati ma DIER minħabba li l-ħaddiem tal-id li kien ġie mwaqqaf fuq forced leave ftit tax-xhur ilu, ried li dan il-leave jittieħed lura. Waqt dawn it-telefonati is-SE qalet li l-ħaddiem kien ingħata diversi *warnings,* 3 minnhom formali, u li kien intbagħat fuq forced leave sakemm il-kunsill kien imlaqqa' sabiex jieħu deċiżjoni. Id-DIER saqsa lis-SE hekk dan il-każ jiġi mwaqqa' mill-impjegat kienx ser ikun hemm riperkussjonijiet. Is-SE irrispondiet lil DIER li għalija l-każ kien diġa magħluq meta ingħatat id-deċiżjoni tal-kunsill lil impjegat. Id-Deċiżjoni tal-kunsill kienet li l-impjegat jibqa' jaħdem fil-kunsill sakemm toħroġ sejħa oħra, liema sejħa jkun jista' japplika għaliha hu ukoll. Il-kunsill ikkonferma din id-deċiżjoni.

5. Transport Malta

Is-Sindku ppreżenta komunikat minn TM fuq blu badge personalizzati, fi Triq l-Imsida. Il-viċi sindku qal li dik l-applikazzjoni ma kellhiex tkun personalizzati.

Is-Sindku preżenta email mingħand residenta li xtaqet li l-kunsill japprova zebra crossing fi Triq il-kanun quddiem il-*petrol station*. Il-kunsill qal li kien hemm 2 diġa fl-inħawi u li l-kunsill preċedenti kien applika għal zebra crossing fl-istess post imma ma kienetx ġiet aċċettata. Għalhekk kien hemm deċiżjoni li din is-sitwazzjoni terġa' titqajjem ma l-awtorità' tat-Trasport.

**6. Tender tal-Bulky**

Is-Sindku informa li tender tal-bulky refuse kien skadut għalhekk kien ser jerġa jinħareġ fuq l-istess kriterji li kien hemm. Fuq dan kien hemm qbil.

**7. Board Għal interviews**

Il-kunsill qabel li kien ser jinżamm l-istess board bħal-interviews ta' qabel

**8. Appell quddiem il-PCRB**

Is-sindku informa li SE infurmatu li fuq it-Tender għal Tabelli u Street markings kien daħal appel minn B. Grima & Sons. Dan l-appell kien ser jinstema' nhar il-4 ta' Diċembru.

**9. Milied 2025**

Is-sindku qara lista ta' avvenimenti u programm għal Milied 2025, hu qal li dan kien ser jitqassam lil kull kunsillier.

**10. Ilmenti**

Is-Sindku qal li kien hemm ilment wieħed ta' Joe Vella fejn dan kien qed jiġbed l-attenzjoni li Triq il-Lunzjata biswit residenza numru 5 / 7 li tinsab vakanti, kien hemm xaqq miftuħ fi sprall minn fejn kienu qed joħorġu xi ġrieden. Il-Kunsill qabel li din tiġi tranġata mill-ħaddiema tal-kunsill.

**11. Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema għal ħabta ta' 20.00. Il-Laqgħa li jmiss ser issir fil-15 ta' Diċembru 2025 fil-17.00.

| | |
|---|---|
| Gianluca Falzon | Tiffany Abela |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |